MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Talba Numru. 652/2009

**Ignazio Anastasi Ltd**

**vs**

**Renald Dalli ID 34346M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' RGD Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Awissu 2009, fejn intalab li l- konvenut noe jigi kkundannat jhallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' erba' mija, tmienja u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€428.74c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex l-konvenut noe jwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, l-konvenut noe naqas u ma deherx la fis-seduta tat-22 ta’ Marzu 2011, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenut noe jhallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija, tmienja u ghoxrin Euro u erbgha u sebghin centezmu (€428.74c) bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut noe.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------